14 ta' Jannar, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL. D.

Francis Cardona *versus* Salvatore Bonnici

**Monopolju — Industrija — Danni — Penali — Konfiska — Art. 6, 10 u 11 tal-Kap. 89.**

*Il-Liġi dwar l-Inkoraġġiment ta' Industriji Ġodda tagħti lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur il-fakoltà li jagħti dritt esklużiv biex jiġu stabbiliti, operati u mantenuti, industriji ġodda f'Malta u d-Dipendenzi Tagħha, għal ċertu żmien u taħt ċerti kondizzjonijiet li jiġu indikati fil-konċessjoni. U kull min, b'qerq, jikser konċessjoni simili, huwa suġġett, fuq talba tal-konċessjonarju, għall-ħlas tad-danni u l-interessi, jew għall-ħlas ta' penali, jew għar-radd tal-qligħ li jkun għamel bil-ksur tal-konċessjoni.*

*Il-Qorti tista' wkoll, fuq talba tal-konċessjonarju, tordna li l-magni jew mezzi oħra industrijali użati fil-ksur tal-konċessjoni jiġu konfiskati, kollha jew biċċa minnhom, jew mogħtija bi proprjetà lill-konċessjonarju, bla ħlas ta' kull kumpens ieħor. Imma din il-konfiska hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti; u l-Qorti mhix obligata tordnaha bilfors, ikunu x'ikunu l-mezzi adoperati fil-ksur tal-konċessjoni. Għax din il-konfiska mhix piena, imma mezz ta' prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet ulterjuri tal-konċessjoni.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti dehrilha li ma kienx hemm lok li tiġi ordnata din il-konfiska.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu għandu l-monopolju biex jimmanifattura boroż tan-nisa bi kwalunkwe materjal, ad eċċezzjoni ta' drapp ta' Malta u, jew, karta, kif jidher mill-Gazzetta tal-Gvern numru 9937 (avviż 379 tal-1950); u illi l-konvenut, b'qerq, qiegħed jimmanifattura boroż tan-nisa ("handbags") li huma kompriżi f'dan il-monopolju u b'hekk kisirlu l-konċessjoni ta' l-istess monopolju; talab, previja f'każ ta' bżonn id-dikjarazzjoni illi l-konvenut qiegħed, b'qerq, jimmanifattura boroż tan-nisa ("handbags") li l-manifattura tagħhom hija projbita in virtù tal-monopolju konċess lilu, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu dik is-somma li tiġi stabbilita, bħala penali,

għat-tenur ta' l-art. 10 tal-Kap. 89 — "Inkoraġġiment ta' Industriji Godda"; u li jiġi ordnat li l-makni jew mezzi industrijali wżati fil-ksur tal-konċessjoni jiġu konfiskati jew mogħtija bi proprjetà lilu, skond l-art. 11 tal-liġi ċitata. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fil-11 ta' Lulju 1950 ġie mogħti lill-attur id-dritt esklużiv li jistabbilixxi, jopera u jimmantjeni, f'Malta u d-Dipendenzi Tagħha, industrija għall-manifattura ta' "handbags" magħmula minn kull materjal, barra minn drapp ta' Malta, u, jew, karta, għal perijodu ta' sebgħa snin millimsemmija data, u taħt il-kondizzjonijiet indikati fil-konċessjoni (avviż nru. 379 tal-14 ta' Lulju 1950, Gazzetta tal-Gvern ta' l-istess data). Dan id-dritt ġie mogħti lill-attur mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ta' dawn il-Gżejjer in eżerċizzju tal-poteri lilu konferiti bl-art. 6 ta' l-Att dwar l-Inkoraġġiment ta' Industriji Godda (Kap. 89 Ediz. Riveduta);

Illi jirriżulta mill-provi, anki mill-istess testimonjanza tal-konvenut, li dana kiser, b'qerq, din il-konċessjoni magħmula favur l-attur. Il-konvenut, difatti, xehed............;

Tikkunsidra;

Illi, skond il-liġi ċitata, kull min, b'qerq, jikser il-konċessjoni, fuq talba tal-konċessjonarju jiġi kundannat minn din il-Qorti għall-ħlas tad-danni u l-imgħaxijiet, jew għall-ħlas ta' penali ta' mhux anqas minn £10 u mhux iżjed minn £500, jew għar-radd tal-qliegħ kollu li jkun għamel bil-ksur tal-konċessjoni (art. 10);

Illi, skond l-istess liġi, f'dan il-każ il-Qorti tista', fuq talba ta' l-attur, tordna li l-makni jew mezzi oħra industrijali wżati fil-ksur tal-konċessjoni jiġu konfiskati, kollha jew biċċa minnhom, jew mogħtija bi proprjetà lill-konċessjonarju, bla ħsara ta' kull kumpens ieħor kif stabbilit fid-dispożizzjoni ta' qabel (art. 11);

Illi, riferibilment għal din id-dispożizzjoni kontenuta flart. 11 tal-liġi ċitata, il-kelma "tista'" — fit-test ingliż "may" — f'dispożizzjonijiet leġislattivi, speċjalment f'liġijiet inglizi, għandha kważi l-istess forza ta' "shall"; però, filkaż ta' l-imsemmi artikolu tal-liġi jidher li l-Qorti ma għan-

dhiex bilfors fordna l-konfiska, jew il-konsenja lill-konċessjonarju, tal-makni jew mezzi industrijali kollha indistintament, huma x'inhuma, użati fil-ksur tal-konċessjoni. U difatti l-istess dispożizzjoni tal-liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, jekk tordnax il-konfiska, jew il-konsenja lill-konċessjonarju, tal-makni jew mezzi industrijali, kollha jew biċċa minnhom, għar-raġunijiet evidenti illi l-konfiska jew il-konsenja mhix piena, imma mezz ta' prevenzjoni ta' vjolazzjoni ulterjuri tal-konċessjoni; u jista' jagħti każ li jkunu ġew użati makni, jew parti ta' makni, jew mezzi mhux proprji għal dik l-industrija, li bil-konfiska tagħhom ma jiġix kwindi raġġunt l-iskop li tiġi evitata l-vjolazzjoni tal-konċessjoni tad-dritt esklużiv ta' l-eżerċizzju ta' dik l-industrija. Mid-Debates ta' l-Assemblea Leġislativa jirriżulta illi l-Ministru — l-Onorevole Dottor Enrico Mizzi — li ressaq il-liġi, spjega, meta mexxa d-dispożizzjoni in diżamina, illi "la confisca delle macchine, ecc. è naturalmente uno dei mezzi per prevenire la violazione della concessione. Essa è necessaria per garantire al concessionario il frutto del suo lavoro". L-iskop ta' l-ordni tal-Qorti hu, kwindi, il-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet ulterjuri;

Għall-analoġija, jista' jiġi wkoll f'dan il-pont riportat dak li jingħad fil-Halsbury in konnessjoni ma' "Patents and Inventions", taħt l-intestatura "Delivery up or Destruction of Infringing Articles" :— "A successful plaintiff is entitled to an order for delivery up or destruction of all infringing articles within the defendant's possession or control; but since the object of such an order is to prevent further infringements, and not to punish the defendant, the order will, where possible, be restricted to removal and delivery up of infringing parts" (Vol. 24, page 693);

Tikkunsidra;

Illi mill-provi jirriżulta li l-mezzi wżati mill-konvenut biex jikkonfezzjona l-boroż li bil-manifattura tagħhom huwa vvijola l-konċessjoni kienu tnalja żgħira komuni u makna tal-ħjata użwali (fol. 14 tergo). Konformement għal dak li fuq ġie rilevat, dawn ma għandhomx jiġu konfiskati, jew mogħtijin lill-konvenut; għar-raġuni li l-konfiska jew il-konsenja tagħhom mhix neċessarja, fil-fehma tal-Qorti, biex il-konve-

nut ma jikserx ulterjorment il-konċessjoni. It-talba għall-konfiska jew konsenja tagħhom lill-konvenut ma tiġix, kwindi, akkolta, iżda l-ispejjeż relattivi ma għandux ibatihom l-attur, għaliex dana ma kienx jaf f'hix kienu jikkonsistu l-mezzi adoperati, u kellu d-dritt, skond il-liġi, għall-ordni tal-konfiska jew konsenja ta' dawk il-makni u strumenti li l-konfiska jew il-konsenja tagħhom tkun neċessarja għalbiex ikollu l-garanzija li ma jiġix ulterjorment miksur il-fuq imsemmi dritt esklużiv tiegħu;

Illi, riferibilment għall-kalkolu tal-penali li nkorra l-konvenut billi kiser l-imsemmija konċessjoni favur l-attur, mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li dan ħadem xi ħamsin borża (fol. 14 tergo); u mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li l-profitt li dana jagħmel b'kull borża li jaħdem ivarja minn ħames xelini għal nofs lira (fol. 15). Mela, jekk wieħed "arbitrio boni viri" jieħu l-medja tal-qliegħ li l-attur jagħmel b'kull borża li jimmanifattura, jiġifieri 7s. 6d., u jżid xi erba' jew ħames boroż man-numru approssimativament mogħti mill-konvenut tal-boroż minnu manifatturati, billi wieħed għandu raġjonevolment jaħseb li l-konvenut aktarx żamm ruħu fil-baxx, għandu jikkunsidra bħala adegwata għall-każ penali ta' £21;

Għall-motivi premessi:

Tiddeċidi għat-tenur ta' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lilu, għar-raġunijiet indikati fil-parti razzjonali tas-sentenza, penali ta' £21;

Tirrespinġi t-tieni talba;

Tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża u relativi jitħallsu mill-konvenut.